## Il-Popolazzjoni tal-Gudja f'għeluq is-Seklu Sbatax
## Status Animarum 1695

Paul Farrugia M.A.

Fil-Vista Pastorali ta' l-1665 insibu istruzzjonijiet mogħtija mill-isqof lill-kappillan tal-Gudja biex iżomm ktieb, li jissejjaħ status animarum, fejn kellu jikteb, b'ordni alfabetiku skond il-kap ta' kull dar, jew foci[1], l-eta ta' kull persuna u jżomm nota ta' dawk in-nies, taż-żewġ sessi, li dik is-sena jkunu wettqu l-preċett, li jirċievu s-sagramenti tal-Qrar u ta' l-Ewkaristija. Din il-lista kellha ssir kull sena.

L-istatus animarum ta' l-1695 huwa wieħed mill-aktar antiki[2] u fih ħafna informazzjoni. Jipprovdi lista kompleta ta' l-abitanti tal-Gudja f'dik is-sena. In-nies jiġu ppreżentati familja wara l-oħra. L-ewwel isem ikun tal-kap tal-familja, jiġifieri l-missier, warajh jidher isem il-mara u mbagħad l-ismijiet tat-tfal tagħhom. Drabi oħra ssib familji magħmula min-nanniet, jew zijiet, jgħixu man-neputijiet, jew aħwa li joqogħdu flimkien. Jekk il-missier ikun mejjet l-ewwel isem ikun dak ta' l-armla. Tiġi indikata wkoll ir-relazzjoni ta' kull wieħed mal-kap tal-familja, jiġifieri jekk hux bin, bint jew neputi. Kien jiġi nnotat l-istat tal-persuna: jekk hux miżżewweġ, armel jew ġuvni. Wara kull isem kienet titniżżel l-eta'. Kultant ikun hemm xi frażi li tati informazzjoni li l-kappillan jidhirlu li tkun importanti, normalment tkun tindika għaliex dik il-persuna ma tkunx irċeviet is-sagramenti. Fl-aħħarnett il-kappillan kien jikteb 'c' wara l-isem ta' minn ikun irċieva s-sagramenti tal-Qrar u ta' l-Ewkaristija.



TRIQ S. MARIJA - WAĦDA MIT-TOROQ ANTIKI TAR-RAĦAL

Għalhekk dawn id-dokumenti jagħtu ritratt tal-familji kif kienu dik is-sena. Iżda, bħal ritratt, ma jurux x'ġara qabel jew wara. Tista' tgħid kemm kienet kbira familja partikulari fl-1695, imma biex issib jekk kienx hemm aktar tfal, ngħidu aħna li twieldu wara, jew li kienu diġa' mietu, jew li żżewġu u ħallew il-familja, trid tfittex bnadi oħra. Lanqas ma jagħti informazzjoni dwar min mill-abitanti kien twieled il-Gudja jew kien mar joqgħod hemm. Lanqas ma nsibu informazzjoni jekk persuna kinitx miżżewġa t-tieni darba jew jekk kienx hemm ulied minn omm jew missier differenti fil-kas ta' romol li reġgħu iżżewġu. Il-familja tidher kif kienet dik is-sena, u jingħata l-kunjom tal-kap biss.



L-ARMA TAL-KAPPILLAN DUN BERNARD DINGLI 1688 - 1721

Fil-1695 fil-Gudja kien hemm 144 familja, li b'kollox kienu jġibu 490 ruħ. Skond il-Vista Apostolika ta' Petro Dusina, fl-1575, mija u għoxrin sena qabel, il-Gudja kien hemm biss tmenin dar[3]. SanFranġisk Abela fl-1647 kiteb li kien hemm 87 dar u popolazzjoni ta' 357[4]. Fl-1670 insibu 595, fil-1680 insibu 500 u fl-1687 kien baqa' 495 joqogħdu fil-Gudja. Skond il-vista pastorali ta' l-1665 il-kappillan kellu jimxi skond id-djar jew fuklari. Hawn tidħol ċerta diffikulta' jekk il-kappillan f'din il-lista qiesx kulmin kien joqgħod fl-istess dar, ngħidu aħna tfal, ġenituri, zijiet u nanniet, bħala familja waħda, jew jekk qiesx li l-ġenituri u wliedhom kienu jiffurmaw familja separata anke meta kienu joqogħdu taħt l-istess saqaf ma' qrabathom[5]. Jidher li l-kappillan mexa b'mod differenti minn Mons. Dusina u qassam il-parruċċani tiegħu skond il-familji mhux skond id-djar li kienu jabitaw. F'din il-lista ma nsibux indikazzjoni li familji differenti kienu joqogħdu fl-istess dar, ħaġa improbabbli għax, kieku kien hekk, kien jirriżulta li l-ebda persuna anzjana ma kienet toqgħod ma' wliedha miżżewġa u l-ebda ġuvni jew xebba ma kien joqgħod ma' familja tiġi minnu. Dan jidher aktar improbabbli meta wieħed iqis illi n-nies kienu ġeneralment bdiewa fejn it-tfal kienu jaħdmu mal-ġenituri tagħhom u jidħlu minn flokhom meta dawn imutu jew inaqqsu mix-xogħol. Għalhekk, in-numru ta' 144 familja kien jirreferi għall-familji li kellhom kap għalihom u mhux għan-numru ta' djar li, allura, kien anqas. Problema oħra hija li l-familji qegħdin f'ordni alfabetiku skond l-isem tal-magħmudija tal-kapijiet. Għalhekk nies li kienu jgħammru fl-istess dar mhumiex imniżżla qrib xulxin.

Ta' min jinnota wkoll illi l-popolazzjoni tar-raħal kienet naqset ħafna bejn l-1670 u l-1695. Fattur importanti żgur li kienet il-pesta ta' l-1676 li ġarret sebgħa u tletin minn ħames mija u ħamsin li kienu jgħammru l-Gudja f'dik is-sena[6], numru kbir meta tqabblu maċ-ċokon tal-popolazzjoni. Iżda jidher li l-popolazzjoni kompliet tiċkien anke wara. Fil-fatt, fl-ibliet mietu bosta nies bil-pesta u dan il-vojt imtela min-nies mill-irħula li marru jgħixu hemm. Dan kien żmien meta l-ibliet u l-irħula l-kbar kienu qed jikbru waqt li l-irħula ż-żgħar kienu qed jiċkienu sakemm xi

l-aktar fost l-irġiel. Insibu Joannes (33) u Joannella (5). Terġa' dan l-isem kien sikwit jiġi mgħaqqad m' oħrajn. Hemm 'Joannes Maria' (17), Joannes Dominicus (16), Joannes Paulus (5) Joannes Andreas (1) u Joannes Bartilmeus (1). Insibu wkoll Baptista (2). B'kollox kien hemm 75 raġel u ħames nisa msemmija għal San Ġwann. L-influwenza ta' l-Ordni ta' San Ġwann żgur li kabbret il-popolarita' ta' dan l-isem, iżda Ġwanni kien isem popolari anke qabel il-miġja tal-Kavallieri. Kemm San Ġwann il-Battista kif ukoll San Ġwann l-Evanġelista għandhom post prominenti fil-Liturġija u jissemmew ħafna fl-Evanġelju. Barra minn dawn hemm numru ta' qaddisin oħra li jisimhom Ġwanni. Fil-Knisja Parrokkjali San Ġwann Appostlu jidher f'żewġ pitturi, ta' l-altari tal-Kurċifiss u ta' San Franġisk de Paula.

Duminku jidher f'forom differenti: Dominicus (10) għall-irġiel, u għan-nisa Dominica (12), Dominichella (5) u Dominicuttia (1), b'kollox għaxart irġiel u tmintax-il mara. Barra minn hekk kien hemm ħafna Ġovanni Duminku. Xbieha ta' San Duminku tinsab fil-pittura ta' l-altar tar-Ružarju li kienet meħuda mill-parroċċa l-antika għall-ġdida xi snin qabel.

Disgħa kienu msemmija għal San Pawl, miżmum bi protettur ta' Malta. Paulus (3), Pauliccius (1), Paulina (2), Paola (2) u Paulica (1). Xi wħud kienu msemmija Joannes Paulus u oħrajn Petrus Paulus (3). Kien hemm Petrus (11). Petra (1), Petrutia (1) u Petronilla (1).

Il-kunjomijiet kienu varji ħafna. Fil-fatt insibu madwar 51 kunjom differenti f'popolazzjoni ta' 490 ruħ maqsumin f'144 familja. Il-kunjomijiet ma jistgħux jiġu kkunsidrati bl-istess mod bħall-ismijiet, billi tara biss kemm kien hemm individwi għal kull kunjom. L-ewwelnett l-isem jiġi magħżul, hekk li normalment fl-istess familja t-tfal kollha jkollhom isem differenti, waqt li l-kunjom huwa l-isem tal-familja kollha u mhux individwali. Għalhekk tajjeb li wieħed jara wkoll kemm kien hemm familji għal kull kunjom.

L-aktar kunjomijiet komuni f'din is-sena kienu Barbara, b'64 persuna u14-il familja, Dalli (38, 11), Bonnici (35, 10) u Azzoppardi (34, 10). Wara dawn insibu Buttigieg (23, 8), Camilleri (29, 9), Żammit (15, 7), Vella (15, 5), Farrugia (15, 4) u Hellul (15, 4). Barra dawn il-kunjomijiet kien hemm ħafna oħrajn li kellhom tliet, żewġ, jew familja waħda biss. M'hemmx relazzjoni stretta bejn in-numru ta' familji u n-numru ta' nies li jġibu l-istess kunjom għax familja waħda numeruża tista' ttella' n-numru ta' nies drastikament. Hekk, per eżempju, kien hemm tmienja bil-kunjom Testaferrata, kollha mill-istess familja, waqt li seba' familji Żammit kellhom ħmistax-il persuna biss.

Madwar nofs il-kunjomijiet, 26, kienu jappartjenu lil familja waħda biss. Fil-każ fejn dawn kienu rġiel, wieħed jikkonkludi li ma kellhomx ħuthom irġiel u lanqas kuġini mill-missirijiet joqogħdu fl-istess raħal għax kieku l-kunjom kien jirrepeti ruħu. Dan jindika li minħabba li l-popolazzjoni kienet żgħira kienu jsiru numru mhux ħażin ta' żwiġijiet ma' nies minn pajjiżi oħra. Il-fatt li r-regoli tal-konsangwinità kienu stretti ħafna żgur li kien jagħmilha aktar diffiċli li wieħed jiżżewweġ fil-komunità tiegħu stess.[8]

Din il-lista kienet tintbagħat lill-Isqof illi hekk seta' jkollu stampa aktar ċara ta' l-istat spiritwali tan-nies fid-djoċesi tiegħu u min kien nisrani prattikanti u min ma kienx. L-istatus animarum kien ukoll jintuża mill-awtoritajiet ċivili għax kien iservihom ta' ċensiment.[9] Hekk, per eżempju, laħaq intuża biex il-Gran Mastru jkun jaf kemm kellu rġiel fuq is-sittax-il sena f'kas t'attakk fuq Malta. Għalina llum dawn id-dokumenti huma ta' importanza kbira għax jixħtu dawl fuq il-ħajja tan-nies komuni, antenati antiki tagħna, illi qajla jissemmew fil-kotba storiċi ta' dak iż-żmien.

*Nixtieq nuri l-ħajr tiegħi lejn id-diretturi u l-istaff ta' l-Arkivju tal-Katidral ta' l-Imdina u ta' l-Arkivju tal-Kurja Arċiveskovili Furjana għax mingħajr l-għajnuna tagħhom dan ix-xogħol ma kienx iseħħ.*



L-ewwel faċċata ta' l-Istatus Animarum 1695. Il-kitba ta' fuq tgħid 'Status Animarum tal-Knisja Parrokkjali tal-Gudja bin-noti miġburin ta' l-ismijiet u l-kunjomijiet ta' kull wieħed mill-parruċċani, l-etajiet u jekk osservawx il-preċett tas-sena 1695'. L-ewwel isem huwa ta' Dun Bernard Dingli li kien kappillan mill-1668 sa l-1721. Aktar 'l isfel hemm Dun Marċell Gatt li kellu 39 sena u li sar kappillan tal-Gudja wara Dun Bernard fil-1721.

## REFERENZI

1. Bil-Malti 'fuklar'. Din il-kelma kienet tfisser il-post fejn iqabbdu n-nar biex isaħħnu d-dar iżda kienet tindika wkoll in-nies li kienu joqogħdu ġod-dar.
2. Fil-Vista Pastorali ta' l-1685 insibu *'Status Animarum incepto da 1679'*.
3. Ir-Rapport ta' Dusina ma jagħtix il-popolazzjoni tal-Gudja, għalkemm jagħti dawk tal-parroċċi l-oħra.
4. Ġan Franġisk Abela, *Della Descrizione di Malta*, p. 103
5. Il-kelma familja kienet tista' tfisser kulmin joqgħod ġo l-istess dar.
6. Joseph Micallef, *The Plague of 1676, 11,300 Deaths*, p. 109 u p.118.
7. Fl-istruzzjonijiet li ħalla l-visitatur Appostoliku fl-1575 ipprojbixxa li jingħataw ismijiet mhux tal-qaddisin.
8. Per eżempju, Ir-Raba' Konċilju Lateran (1215) ordna li konsangwinità sar-raba' grad tkun impediment għaż-żwieġ.
9. Il-gvernijiet ċivili, kemm f'Malta u kemm f'artijiet barranin, ma kinux iżommu rekord tat-twelid, żwieġ jew mewt imma kienu jużaw dawk tal-Knisja.